TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 45/13/GB

**Mr & Mrs Vincent Farrugia**

**vs**

**Karl Azzopardi – Fantasy Tours**

Illum 26 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tmien mija u tnax-il Ewro u hamsin centezmi (€812.50), minn liema ammont, l-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650.00), jirapprezentaw danni reali, filwaqt li l-ammont ta' mija tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmi (€162.50), jirraprezentaw danni morali, liema danni in toto, ir-rikorrenti soffrew meta marru cruise li huma bbukjaw minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fid-9 ta' Awissu 2012 huma kienu bbukjaw cruise mas-socjeta' ntimata, fejn tkellmu direttament mad-Direttur, Karl Azzopardi. L-intimat l-ewwel kien offrilhom kabina xi tliet mitt Ewro (€300.00) orhos, li sa kemm ftehemu u accettaw, kien inbiegh. Ghalhekk, l-intimat issuggerixxa il-kabina in kwistjoni, li kienet ghola mill-ewwel kabina bi tliet mitt Ewro (€300.00). Din il-kabina kienet fuq barra, deck iktar-il fuq. Pero', li l-intimat

ma spjegax lir-rikorrenti kien li din il-kabina kellha tieqa b'veduta mblukkata b'dghajsa tas-salvatagg. Meta r-rikorrenti telghu abbord u sabu dghajsa timblokka l-veduta tat-tieqa tal-kabina, kienu tkellmu ma' l-awtoritajiet tal-cruise liner, fejn gew informati illi l-agent taghhom kellu jkun jaf biha. Kieku r-rikorrenti kienu jafu l-fatti, kienu jahsbuha jmorrux.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu ilhom icemplu biex jirrizervaw il-kabina sitt xhur. Is-socjeta' ntimata kienet offretilhom offerta qabel ghal kabina gewwa deck 3 bi prezz ta' elfejn Ewro (€2000.00), ridott minn tliet elef mija tmienja u disghin Ewro (€3198.00). Meta r-rikorrenti ddecidew, wara hafna kuntatti, biex jigu jibbukjaw, dan kien fid-9 ta' Awissu 2012. Ftit ijiem biss qabel il-cruise. Meta s-socjeta' ntimata giet biex tara x'setghat toffrilhom, sabet kabina 'outside' deck 3 li l-prezz taghha kien ta' elfejn tliet mija u hamsin Ewro (€2350.00) minn tliet elef erbgha mija tmienja u disghin Ewro (€3498.00). F'dan l-istadju, peress li r-rikorrenti kienu klijenti tas-socjeta' ntimata, hija offretilhom upgrade b'xejn ghal deck 8/9, li suppost differenza minn deck 3 hija ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00) kull persuna extra fuq il-pakkett, u r-rikorrenti kienu accettaw li jiehdu dan l-upgrade. Jekk ir-rikorrenti riedu jkunu certi li ma kellhomx obstruction, setghu jaghmlu dan billi jhallsu mitt Ewro (€100.00) kull persuna biex ikollhom il-cabin number. Izda, sfortunatament, din tista' ssir sa xahar qabel it-tluq biss. Ghalhekk, is-socjeta' ntimata dejjem griet wara r-rikorrenti sabiex jibbukkjaw kmieni, halli jkollhom mohhhom mistrieh li jkollhom kabina mhux obstructed.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn ammettew ukoll illi huma kienu accettaw l-offerta ghal 'upgrade' maghmula da parte tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta li giet immarkata bhala Dok.VF1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok.FT1.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien ma' l-iskont fuq il-prezz mogħtija mis-socjeta' ntimata u l-ammissjoni da parte tar-rikorrenti stess illi kienu huma illi accettaw l-'upgrade' in kwistjoni mingħajr ma talbu ebda informazzjoni ulterjuri, jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi tagħha u/jew fl-obbligi tagħha lejn ir-rikorrenti konsumaturi. Illi għalhekk, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**